MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 493/1991/1

**Louis Camilleri bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Ferdinando Califano**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'rikors pprezentata fl-10 ta' Mejju 1991 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili Louis Camilleri, fil-kapacita` tieghu fuq

indikata, ippremetta illi fit-13 ta' Marzu, 1991 giet maqbuda mill-pussess tieghu karozza Mercedes 250D Registrazzjoni numru CS 467294; illi sussegwentement, u precis fl-1 ta' April, 1991 huwa irceva "nota ta' qbid" numru 17/1991 (hawn annessa bhala Dokument "A") riferribilment ghal dik il-karozza; illi r-rikorrent, permezz ta' ittra lill-Kontrollur tad-Dwana in data 12 ta' April, 1991 (Dokument "B" u "C") ta debitu avviz lill-istess Kontrollur tad-Dwana illi huwa kien bi hsiebu jitlob lura l-karozza maqbuda imsemmija fl-istess "nota ta' qbid"; illi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni, Ferdinando Califano kien wasal Malta fil-25 ta' Jannar, 1991 b'karozza BMW illi huwa pogga go garage hawn Malta. Fl-1 ta' Frar, 1991 huwa rega telaq minn Malta wara illi informa kemm lill-ufficjali tad-Dwana kif ukoll lill-Pulizija illi huwa kien ser jitlaq ghal xi ftit zmien u jhalli l-karozza BMW hawn. Dawn ta' l-ahhar la waqfuh u lanqas ma gibdulu l-attenzjoni illi huwa kien qed jikser xi ligi; sussegwentement, Califano rega lura Malta fil-5 ta' Marzu, din id-darba b'karozza Mercedes, l-istess karozza imsemmija fin-"Nota ta' Qbid" fuq indikata. Huwa inghata T.I.T. ghall-sebat ijiem; illi ir-rikorrent huwa ta' nazzjonalita` Taljana u l-karti li ffirma ghall-importazzjoni ta' dina l-karozza kienu kollha bl-Ingliz, l-ebda wiehed mill-ufficjali ma fehmu x'kien qed jiffirma u anqas ma spjegawlu illi din it-T.I.T. kienet valida ghal tliet ijiem biss. Ta' min jinnota ukoll illi din kienet it-tieni darba li Califano kien dahal Malta b'karozza u ma saritlu ebda osservazzjoni; illi din il-karozza, meta waslet Malta, kienet ga mibjuha lil terzi u fil-fatt l-esponenti nomine waqaf Malta temporanjament ghaliex ma kienx possibli li jikkonsenja l-karozza lit-terzi persuni li xtrawha fl-Ilvant Nofsani u dan minhabba z-zmien partikolari tas-sena u cioe` r-Ramadan.

Dan premess ir-rikorrent nomine talab li dik l-Qorti joghgobha tordna lill-intimat jirrilaxxja l-karozza imsemmija fin-nota ta' Qbid numru 17/1991 u cioe` Mercedes 250D Registrazzjoni numru CS 467294 favur tieghu u dan a tenur tal-artiklu 72 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kontrollur tad-Dwana irrisponda fit-3 ta' Gunju, 1991 bil-mod segwenti:-

1. Illi huwa jirrespingi bhala nfondati t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors odjern stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-22 ta’ Mejju, 2002 mil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, it-talba imsemmija giet michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrent billi l-Qorti hasset li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ma setghetx tqis it-talba tar-rikorrent nomine bhala gustifikata u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
“Dan ir-rikors gie ntavolat sabiex tigi rilaxxata karozza Mercedes 250D bin-numru ta’ registrazzjoni CS 467294 favur ir-rikorrent nomine wara li din giet maqbuda mill-intimat fit-13 ta' Marzu 1991 permezz tan-nota ta' qbid numru 17/1991 (Dok. A a fol. 5).

“Jirrizulta li r-rikorrent Louis Camilleri u certu Ferdinando Califano f’Jannar ta’ l-istess sena kienu diga’ dahhlu Malta karozza ohra tat-tip BMW taht *temporary permit* ta’ tlett ijiem, ghalkemm Califano jsostni li huwa kien talab permess ghal “*tre mesi*”. Difatti l-ilmenti principali ta’ Califano kif jirrizultaw mill-affidavit tieghu b’riferenza ghal meta dahhal il-BMW, huma li hu ma tantx jifhem bl-Ingliz, li l-formula li ffirma kienet bl-Ingliz u hu ma jafx jaqra bl-Ingliz u ghalhekk kien taht l-impressjoni li kien iffirma ghal tliet xhur, u li meta gie biex jitlaq minn Malta wara aktar minn tlett ijiem mar ma’ Louis Camilleri ghand id-Dwana u ghand il-Pulizija biex jitlob permess ihalli l-karozza ghand l-istess Camilleri u liema permess inghata. Huwa qal li din il-karozza kienet intenzjonata ghal kompratur li joqghod “nel paese del est”.

“Fil-5 ta’ Marzu 1991 Califano rritorna Malta bil-Mercedes, mertu ta’ dan ir-rikors. Huwa kien akkompanjat minn l-istess Louis Camilleri u kugin tieghu. Louis Camilleri xehed li saret l-istess procedura ghall-BMW u nghataw *temporary permit* ghal sebat ijiem peress li l-perjodu li kellhom bzonn kien dak u ghalhekk Califano

espressament talab dan il-perjodu. B'hekk hargu l-Mercedes mill-Port u haduha f'garaxx. Anke l-BMW kienet tinsab f'garaxx. Camilleri spejga li l-karozzi baqghu Malta biex jigu xxippjati flimkien ghall-Middle East u hu kien ser jiehu hsieb id-dokumentazzjoni kollha necessarja. Califano telaq minn Malta flimkien ma' kuginuh wara xi tlett ijiem izda meta l-vapur kien diga hareg xi tlett mili, dan inzamm u Califano ngab lura Malta. Tad-Dwana riedu jkunu jafu fejn qeghdin il-karozzi u Califano qallhom li kienu qeghdin ghand l-istess Camilleri li hadhom jarawhom u gew maqbuda.

"B'riferenza ghall-Mercedes jirrizulta li din giet maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana in vista tad-dikjarazzjoni falsa li kienet saret minn Califano meta ffirma t-*temporary permit* (it-TIT). Fuq din il-formula, apparti ndikazzjoni tad-data meta kellu jhalli Malta bil-karozza (it-12 ta' Marzu 1991), hemm ukoll din id-dikjarazzjoni:

*"I also declare that I have not brought this vehicle or any other motor vehicle into Malta during the past twelve months under the above concession".*

"Bhalma diga' nghad, irrizulta li xahar u nofs qabel kien diga' dahhal il-BMW. Califano fl-affidavit tieghu jghid li nghata l-impressjoni li riduh idahhal it-tieni karozza biex ikunu jistghu jehduhielu wkoll.

"Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jikkonkludi li tenut kont tal-fatti partikolari tal-kaz, u cioe` li Califano huwa taljan u b'hekk ma setax jifhem dak li gie minnu ffirmat, huwa tal-fehma li dak li gie soffermat minn Califano probabilment gara. B'dan mhux qed jistqarr li d-Dwana mxew hazin izda li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni li ghalih m'ghandux ibati r-rikorrent. Fil-fehma tieghu, il-fakolta` moghtija bil-ligi lill-intimat giet uzata hazin ghax ma kien hemm ebda raguni li ghaliha ma kellux jitwemmen Califano li wara kollox dahal Malta bit-tieni karozza bla ebda habi u bla ebda tentattiv biex ikopri l-passi tieghu jew b'xi mod ifixkel l-operat tad-Dwana.

“Il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoni tal-perit legali peress li l-applikazzjoni tar-regoli u ligi tad-Dwana mhijiex xi haga fakoltattiva u kieku kellha tigi accettata nkunu qeghdin niskartaw ghal kollox il-principju msemmi minnu stess li *ignorantia legis neminem excusat.*

“Ghandu jigi nnotat li Califano, bhal meta gab il-BMW, kien ma’ Louis Camilleri meta gab il-Mercedes u ffirma t-TIT. Allura Califano ma hassx il-htiega li, jekk ma jitlobx lill-ufficjal tad-Dwana biex ifehmu l-kontenut tal-formula, almenu jsaqsi lil siehbu Camilleri biex ifehmu l-kontenut tieghu? Id-difiza ta’ Califano li minhabba l-problema tal-lingwa qatt ma seta’ jkun hemm dikjarazzjoni falza da parti tieghu hija dghajfa meta tqis li huwa ma ressaq l-ebda prova li minnha jirrizulta li huwa ghamel l-inqas tentattiv biex l-ufficjali tad-Dwana jispjegawlu l-kontenut tal-formula. Bl-iffirmar ta’ l-imsemmija formula kien qieghed jassumi fuqu r-responsabbilita` ghall-kontenut taghha galadarba ma jirrizultax li ghamel kull ma seta’ biex tigi spjegata lilu l-effetti taghha. In-nuqqas ta’ Califano jista’ jitqies bhala traskuragni grossolana u ma jistax jattribwixxi n-nuqqas tieghu lill-ufficjali tad-Dwana. Wara kollox kemm l-ewwel darba meta gab il-BMW kif ukoll meta gab il-Mercedes inghata kopja tat-TIT u ghalhekk seta’ liberament isib min ifehmlu l-kontenut.

“Il-Qorti inoltre tosserva li, filwaqt li fuq t-TIT kien hemm indikat li kien se jibqa’ Malta ghal sebat ijiem u li kellu johrog il-karozza mill-gdid fit-12 ta’ Marzu 1991, u li l-istess Camilleri xehed li kellhom bzonn biss sebat ijiem sakemm iz-zewg karozzi jigu xxippjati, mill-manifest tal-passiggieri esebit bhala Dok. JB7 minn Julian Bezzina fis-seduta peritali ta’ l-1 ta’ Lulju 1996, jirrizulta li Califano telaq minn Malta fit-13 ta’ Marzu 1991 u mhux fit-12 ta’ Marzu, f’liema data skond id-dikjarazzjoni fl-istess TIT obbliga ruhu li jsiefer u jiehu l-karozza mieghu. Naturalment anke hawn ma mexiex skond dak li huwa stess kien iffirma ghalih, cioe` la siefer fid-data msemmija fit-TIT u lanqas ma ha l-karozza Mercedes mieghu.

“Ma tistax lanqas il-Qorti ma tinnotax li ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent nomine dwar xi preparamenti

kien lehaq ghamel biex jixxippja z-zewg karrozzi bhalma ngabet l-ebda prova ta’ min seta’ kien id-destinatarju ahhari tal-imsemmijin karrozzi. Louis Camilleri xehed li meta gabu l-Mercedes kellhom bzonn sebat ijiem sakemm jigu xxippjati l-karrozzi. Fit-13 ta’ Marzu 1991 iz-zewg karrozzi kienu ghadhom Malta go garaxx. B’liema vapur kellhom jitilqu? X’dokumentazzjoni kienet thejjiet ghall-ixxippjar taghhom?”

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fil-11 ta’ Gunju 2002 talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti “*joghgobha tilqa’ dan l-appell u konsegwentement thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata moghtija fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Mejju 2002 u ghalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrent bl-ispejjes kontra l-intimat.*"

L-intimat Kontrollur tad-Dwana pprezenta risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn, filwaqt li ppremetta li s-sentenza appellata hija gusta, talab li din tigi kkonfermata bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Minn qari akkurat tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-appellant bazikament ressaq aggravju wiehed fil-konfront tas-sentenza appellata u cioe` li sar apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz inkwantu qed jinghad, kif dejjem sostna l-appellant fil-proceduri in prim istanza, li huwa qatt ma kien infurmat bid-dettalji ta’ dak li kien qed jiffirma u ghalhekk ma jistax jigi ritenut reponsabbli ta’ xi nuqqas rizultanti minn din l-injoranza.

**Ikkunsidrat:**

Ghandu jinghad qabel xejn li fl-1991 l-appellant kien involut fl-importazzjoni gewwa Malta ta’ zewg vetturi, wahda tal-marka BMW li dahlet Malta fil-25 ta’ Jannar ta’ dik is-sena u karozza ohra tat-tip Mercedes li ngiebet Malta fil-5 ta’ Marzu, 1991. Effettivament dawn iz-zewg vetturi gew maqbuda mill-konvenut appellat permezz ta’

zewg “Seizure notes” ezegwiti fit-13 ta’ Marzu 1991. Dawn il-proceduri jikkoncernaw biss l-Mercedes numru ta’ registrazzjoni CS467294 li giet milquta b’”Seizure note” numru 17/1991.

Jidher li fir-rikors ta’ appell odjern, cioe` dak koncernanti l-Mercedes, u dan qed jinghad a skans ta’ ekwivoci billi hemm rikors iehor li jikkoncerna l-BMW u liema appell ser jigi deciz illum ukoll, qed issir konfuzjoni tac-cirkostanzi li jikkoncernaw il-kaz prezenti. Infatti fl-istess rikors saret riferenza ghall-fatti li jikkoncernaw il-BMW u mhux il-Mercedes. Qed jinghad li l-appellant kien talab lill-Ufficjali tad-Dwana “Tre mezi” mentri fil-formula tnizzlu biss “tlett ijiem”. Din ic-cirkostanza, kif jidher mill-formula Dok D a fol 8, mhux rilevanti ghal kaz odjern billi fil-kaz tal-Mercedes 250D, l-istess rikorrent appellant kien talab u effettivament inghata perjodu ta' sebat ijiem soggorn hawn Malta bil-vettura Mercedes. Konsegwentement l-argumenti kollha li ngiebu mill-appellant <u>f’dan il-kaz</u> u li jikkoncernaw l-injoranza tieghu tal-lingwa ngliza, specjalment meta irrizulta li kien akkompanjat minn Louis Camilleri, ma ghandhom ebda rilevanza.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li Califano, akkompanjat minn Louis Camilleri, kien gie Malta fil-5 ta’ Marzu 1991 u kien gjab mieghu vettura tal-marka Mercedes 250D numru ta’ registrazzjoni CS467294. Dakinhar huwa applika lill-Kontrollur tad-Dwana ghall-permess, a tenur tal-Artikolu 16 tal-Att Dwar d-Dazji ta’ l-Importazzjoni, biex idahhal l-istess vettura hawn Malta taht il-kondizzjoni li meta jigi biex jitlaq fi zmien seba’ tijiem u cioe` fit-12 ta’ Marzu, 1991 huwa jerga jiehu l-vettura mieghu. Fl-istess applikazzjoni Califano kien iddikjara “*that I have not brought this vehicle or any other motor vehicle into Malta during the past twelve months under the above concession.*”

Id-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija dwar id-dhul f’Malta ta’ vetturi ohra bl-istess koncessjoni kienet, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, wahda falza billi ftit xhur qabel l-istess Califano kien gab Malta vettura ohra tal-marka BMW li kienet ghadha tinsab hawn Malta fid-data meta

huwa dahhal il-Mercedes. B'dana kollu jirrizulta li l-qbid tal-Mercedes ma sarx minhabba din id-dikjarazzjoni falza izda sar a tenur ta' l-Artikolu 60(j) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-paragrafu (j) ta' l-Artikolu 60 tal-Kap 37 jiddisponi hekk:-
"60.Save as otherwise expressely provided in any other law –

(j) if any goods imported or taken out of bond in terms of subparagraph (ii) of paragraph (d); of subsection (2) of section 17 of the Import Duties Act, 1989 are not re-exported within the time stipulated in accordance with the same subparagraph …. Then and in every such case, all such goods shall (sottolinear ta' din il-Qorti) be forfeited, together with any goods which may be found packed with or used to conceal them."

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-vettura tal-marka Mercedes kellha terga tinhareg minn Malta fit-12 ta' Marzu 1991, biss jidher li dan ma sarx. Mhux talli hekk, talli l-istess Califano meta siefer fit-13 ta' Marzu, 1991, u cioe` gurnata wara li kien skada l-permess moghti mill-Ufficjal tad-Dwana, mhux talli ma hax mieghu l-vettura in kwistjoni talli naqas li jaghmel talba "bil-miktub" lill-istess Kontrollur tad-Dwana kif tipprovdi l-ligi u kif espressament huwa indikat fit-TIT Form. Din il-vettura in effetti baqghet Malta ipparkeggata f'garaxx ta' Louis Camilleri minn fejn giet eventwalment elevata. Dan jfisser li l-appellant kien kiser il-kondizzjonijiet tal-permess lilu moghti u ghalhekk kellu jbati l-konsegwenzi kontemplati mil-ligi konsistenti fil-konfiska tassattiva tal-vettura.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------